# Titqajjem il-kuxjenza dwar ir-rwol tal-UE

Daniela BARTOLO
13 ta' Marzu, 2010  17:20 CET

Minkejja s-sħab u x-xita li għamel matul il-jum tas-Sibt għadd ta' familji għażlu li jieħdu sehem f'kamp imtella' bil-għan li titqajjem aktar kuxjenza dwar ir-rwol tal-Unjoni Ewropeja bl-akbar attenzjoni tingħata lejn l-ambjent. Il-kamp qed jinvolvi kemm lill-ġenituri u t-tfal.

L-attivita mifruxa fuq tmiem din il-ġimgħa qed tiġbor numru ta' familji bl-għan li permezz t'attivitajiet interattivi tinħoloq kuxjenza ambjentali b'referenza għall-ħidma tal-Unjoni Ewropeja f'dan ir-rigward. Qed isiru wkoll attivitajiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-immaniġjar tal-iskart. Waqt din l-attivita, is-Segretarju Parlamentari Chris Said ħabbar li matul din is-sena se jkunu qed jittellgħu numru t'attivitajiet interattivi b'attenzjoni tingħata lill-faqar u l-esklużjoni soċjali li huma żewġ suġġetti li se jkunu qed jingħataw prijorita' mill-istati membri kollha għas-sena 2010.

Simili għal numru t'attivitajiet oħra li saru fl-2009, fosthom 'L-Ewropa fil-Pjazza', dawn l-attivitajiet qed isiru b'ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropeja u b'kollaborazzjoni bejn l-uffiċju tal-Parlament Ewropew f'Malta, ir-rappreżentanza f'Malta tal-Kummissjoni Ewropeja, il-MEUSAC kif ukoll il-Gvern Malti.